# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Novembru, 2014**

**Talba Nru: 647/14 DMA**

**Alfred Ciantar**
**(ID 0408578M)**
**Vs**
**Jamie u Michelle Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn l-attur talab illi permezz ta' ftehim datat 20 ta' April, 2011, il-konvenuti nghataw it-tmexxija tan-negozju gestit minn gewwa l-fond ossija 9 A, Mosta Road, San Pawl Il-Bahar, u dan versu konsiderazzjoni, ossija *management fee*, u taht il- pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

Illi minkejja illi, nhar id-9 ta' Jannar, 2014, il-ftehim hawn fuw imsemmi gie tterminat, b' effett mill-31 ta' Dicembru, 2013, bi qbil bejn il-kontendenti, u minkejja li ma' l-istess terminazzjoni , l-konvenuti wieghdu u obbligaw ruhhom illi jhallsu, favur l-

attur, l-arretrati kollha tal-konsiderazzjoni, ossija *management fee*, hawn fuq imsemmija, flimkien mal-arretrati kollha relattivi ghall-konsum u kera tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fill-ligi;

Illi fil-fatt, il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma kumplessiva ta' €1,425.46, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' €1,108 bhala konsiderazzjoni, ossija management fee, u inkwantu ghas-somma ta' €317.46 bhala konsum u kera tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma - dekorribbli sal-31 ta' Dicembru, 2013- kif minnhom imwieghed u pattwit fuq skrittura datata 9 ta' Jannar, 2014;

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-istess imsemmija somma ta' €1,425.46 permezz ta' ittra legali tat-22 ta' April, 2014, u permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 2014 (1432/14), huma baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, jghidu l-konvenuti ghaliex m' ghandux dan it-Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Jikkundanna lill-konvenuti, solidament bejniethom , sabiex ihallsu, lill-attur, is-somma ta' €1,108 rapprezentanti l-konsiderazzjoni, ossija *management fee*, dovuta sal-31 ta' Dicembru, 2013;
2. Jikkundanna lill-konvenuti , solidament bejniethom, sabiex ihallsu, lill-attur, is-somma ta' €317.46 rapprezentanti konsum u kera tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma sal-31 ta' Dicembru, 2013.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' April, 2014 u tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 2014 (1432/14), u bl-imghaxijiet, dekorriibbli mill-31 ta' Dicembru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014 iddikjarat illi hemm qbil fuq is-somma ta'elf mija u tmien ewro (€1,108) izda m' hemmx qbil fuq l-ammont ta' tlett mija u sbatax il-ewro u sitta u erbghin centezmu (€317.46).

l-ammont ta' elf mija u tmien ewro (€1,108) thallas fis-seduta sussegwenti filwaqt illi dwar l-ammont ta' tlett mija u sbatax il-ewro u sitta u erbghin centezmu (€317.46) kien hemm qbil li jithallas l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280). Kemm il-darba dan l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro €280 ma jithallasx jibda jiddekorri l-imghax legali millum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**